# Dwar is-Salvazzjoni ta’ Ommna n-Natura u t-twaħħid magħha[1]

Niki Young

## Daħla

Ġaladarba l-qagħda ekoloġika preżenti mhix eżattament fl-istat li wieħed jixtieqha, spiss nisimgħu lil min jisħaq li jeħtiġilna “insalvaw ’l Ommna n-Natura”, li “aħna ħaga waħda man-Natura”, jew li rnexxielna “neqirdu n-Natura”. Moħbija f’dawn l-asserzjonijiet hemm żewġ presuposizzjonijiet impliċiti: jew li hemm qasma fundamentali li tissepara l-bniedem min-Natura (u minħabba f’hekk li *aħna* waħedna rridu nkunu biex insalvaw ’l “Ommna n-Natura”), jew li teżisti relazzjoni essenzjali bejn il-bniedem u n-Natura (u għalhekk li aħna mxebbilkin man-Natura).

Min-naħa tiegħi, jidhirli li dawn iż-żewġ presupposizzjonijiet huma problematiċi immens, għax it-tnejn jitilqu mill-assunzjoni li hemm żewġ tipi differenti ta’ entitajiet, u *tnejn biss*, jiġifieri l-bniedem fuq naħa u kulma jibqa’ fuq oħra, u li dawn iż-żewġ tipi ta’ entitajiet jeħtieġu jew tqarrib medjazzjonali (*mediational bridging*) (fil-każ tal-ewwel pożizzjoni), jew huma dejjem konġunti (f’tat-tieni). Il-filosfu Amerikan Graham Harman isejjaħ pożizzjonijiet simili “onto-tassonomiċi”. It-tifsira ta’ dan it-terminu ser tingħata aktar ’l isfel.

Jidhirli li l-aħjar mod li bih wieħed għandu jittratta l-kriżi ambjentali li hawn huwa billi jwarrab fil-ġenb għalkollox dawn il-forom onto-tassonomiċi ta’ kif wieħed jifhem dak li jeżisti. Jeħtieġ mhux biss rikunsiderazzjoni tal-pożizzjoni speċifika tagħna f’dik li hi rabta mad-“dinja”, imma li nerġgħu naħsbu mill-ġdid dwar l-istatus tal-istess dinja, fejn din ma tibqax tiġi meqjusa bħala xi ħaġa li jew hi *biss* lok ta’ reżistenza għall-bnedmin, jew ħaġa li sservi sempliċiment biex timmedja r-relazzjonijiet umani. Se niddiskuti dawn il-kwistjonijiet f’rabta mal-kritika qawwija li Harman jagħmel lill-“onto-tassonomija”, u fid-dawl

ta' din il-kritika nipproponi soluzzjoni għal din il-forma difettuża ta' raġunar.

## L-Onto-tassonomija

"L-Ontoloġija" hija fergħa tal-Filosofija li tinvolvi l-istudju ta' dak li *hu* jew li *jeżisti*; x'jiġifieri meta tgħid xi ħaġa teżisti jew hi. Allura dan il-qasam tal-filosofija jistaqsi jekk jeżistix kompjuter inkella biss l-atomi li jagħmluh; jekk jeżisti kompjuter, għalfejn affarijiet bħal dawn jeżistu u affarijiet bħal Santa Klaws le. Din il-fergħa tal-Filosofija għalhekk tfittex li tipprova tfannad *b'xi mod* il-qalba ta' dak li hu jew tal-Esseri. It-terminu "tassonomija", min-naħa l-oħra, jirreferi għax-xjenza li tikkonċerna l-klassifikazzjoni ta' entitajiet ta' tip partikolari. Mela t-tassonomija tgħidlek li Fido għandu jitpoġġa f'kategorija, dik tal-klieb, minħabba li hu ħlejqa ta' tip, u Frans għandu jitpoġġa f'kategorija oħra, dik tal-bnedmin, minħabba t-tip ta' ħlejqa li hu, u tfittex raġuni għalfejn iż-żewġ entitajiet hu tipi ta' ħlejjaq differenti.

In-nozzjoni ta' Harman ta' "onto-tassonomija" mela, torbot flimkien dawn iż-żewġ fergħat. Tirreferi għat-tendenza tant mifruxa li tara differenza kategorika – jew tassonomija – bejn dominji ontoloġiċi differenti; dominju riservat speċifikament għall-bniedem (li barra minn ħlejqa li tappartjeni għal speċi partikolari, hu wkoll persuna, jiġifieri aġent morali u razzjonali) u għall-prodotti tiegħu (kultura, kreattività u teknoloġija), u dominju ieħor riservat għal kull ħaġa oħra (fosthom in-natura, id-dinja u l-elementi). L-onto-tassonomija hi għaldaqstant antropoċentrika għax tassumi differenza kategorika mill-aktar stretta bejn l-uman u n-natura, jew bejn dak li hu kulturali u dak li hu naturali.

Ir-raġunar onto-tassonomiku normalment jibda billi jiddelinja bl-aktar mod ċar dawk li normalment jitqiesu bħala karatteristiċi umani per eċċellenza. Wieħed jistgħu jiġuh f'moħħu karatteristiċi bħar-razzjonalità, it-taħdit, l-abbiltà li tiret kultura u  li toħloq teknoloġija, dik li tgħid il-verità jew li toħnoq din, bħala eżempji ta' dawn il-karatteristiċi suppost uniċi, li jwasslu biex il-bniedem ikun immarkat b'mod mill-aktar evidenti bħala differenti minn kwalunkwe ħaġa oħra eżistenti. Minn hawn, ir-raġunar onto-tassonomiku jagħmel l-inferenza mhux ġustifikata

li dawn il-karatteristiċi apparentament uniċi jagħnu lill-uman bi status straordinarju u superjuri.

Filwaqt li m'hemmx dubju li hemm differenzi bejn affarijiet li jeżistu, inkluż bejn il-bniedem u affarijiet oħra. Madankollu, jidhirli li l-karatteristiċi tal-bniedem ma jiġġustifikawx differenza tant kategorika bejnu (l-bniedem) u l-bqija tal-eżistenti. Nemmen li t-tip ta' ħsieb li se nipproponi, li hu ispirat mix-xogħol ta' Harman fil-pubblikazzjonijiet numerużi u varjati tiegħu, joffri impliċitament tliet soluzzjonijiet għal dan it-tip ta' raġunar. Bħal Harman, insostni li dawn jgħinuna nikkonċepixxu b'mod tajjeb l-istat attwali tal-pjaneta, mod li jmur lil hinn mill-onto-tassonomija u l-limiti ta' din.

**Lil hinn mill-onto-tassonomija**

L-ewwel pass lil hinn mill-onto-tassonomija jinvolvi t-tħaddin ta' dak li wieħed jista' jsejjaħ viżjoni "ontoloġikament demokratika", li ma timbeniex fuq is-supposizzjoni ta' distinzjoni kategorika bejn id-dominju tan-naturali fuq naħa, u dak teknoloġiku u kulturali fuq oħra. Jibda billi ma jżommx li hemm xi super-entità ħolistika u komprensiva li tissejjaħ "Natura", u li l-bniedem jew jiddistingwi ruħu minnha b'mod qawwi, tant li hemm qasma bejnu u bejn in-natura, jew inkella, min-naħa l-oħra, hu intrinsikament marbut magħha b'mod li, fundamentalment, m'hemm ebda differenza fundamentali bejn in-'Natura' u l-ħlejjaq li din tinkludi.

Minflok, dak li hu jew li jeżisti għandu jiġi mifhum bħala għadd bla qies ta' entitajiet emerġenti[2] uniċi u singolari, dawk li Harman isejjaħ "oġġetti". Kull wieħed minn dawn l-oġġetti jħalli impatt fuq il-madwar b'mod uniku u spiss imprevidibbli. Mill-punt tal-ontoloġija għalhekk, kull "oġġett" hu mogħni b'dinjità ugwali, u jħaddan realtà insostitwibbli.

Għaldaqstant, wieħed għandu jiġġieled it-tentazzjoni li jara lill-bniedem bħala xi ħaġa li hi sempliċiment kumplimentari jew antitetika għal dan. Minflok, hemm alleanza ta' oġġetti eteroġeni li huma deċentralizzati u maħlula, b'kull waħda minnhom tħaddan ammont ta' vitalità. Waqt li kull oġġett għandu l-karatteristiċi tiegħu u r-rabtiet tiegħu ma' entitajiet oħra li wħud minnhom jintużaw biex ifissru lil dan, 'l hinn minn dawn il-karatteristiċi u rabtiet kull oġġett iħalli fdal (*surplus)* uniku li ma jistax jiġi definit jew jitfissew. Ħu sempliċi ġebla

li hemm fil-ġnejna tiegħi. Din bħalissa għandha numru ta' karatteristiċi marbuta mal-post li fih qiegħda u l-affarijiet l-oħra li magħhom tmiss; hi parti mill-ħamrija, isservi biex l-għasafar jistrieħu fuqha, tixxarrab bix-xita, isservi ta' ornament u ta' mistrieħ meta nħares lejha, u numru ta' karatteristiċi oħra marbut mal-fatt li hi għandha rabta ma' numru ta' affarijiet, inkluż miegħi. Madankollu, il-ġebla mhijiex biss dawn il-karatteristiċi. Hemm fdal li ma nistax naqbu meta niddeskriviha billi nuża dawn. Kull entità partikolari tista' (u spiss dan hu li tagħmel) tinqata' minn rabtiet qodma u tifforma oħrajn ġodda. Il-ġebla tista' tinqala' mill-ġnien, tinħadem u tingħata karatteristiċi totalment differenti.

Pass ieħor lil hinn mir-raġunar onto-tassonomiku jinvolvi dak li jista' jissejjaħ bħala "tiżdid[3] ontoloġiku" (*ontological accretionism*). Dan jinvolvi t-twarrib tad-distinzjoni riġida li jemmnu fiha filosofi bħal Aristotli u Leibniz bejn affarijiet naturali u uniti; mela l-bniedem hu ħlejqa naturali u hu fundamentalment ħaġa waħda; affarijiet oħra li huma artifiċjali u komposti minn numru ta' affarijiet naturali u uniti (ngħidu aħna team tal-futbol hu ħaġa li mhux waħda u hu magħmul minn bnedmin). Din id-distinzjoni normalment tiggarantixxi status ta' sustanza lil ċerti entitajiet privileġġati (il-bniedem) għad-detriment ta' oħrajn (team tal-futbol), kif ukoll toħloq teorija ġerarkika tan-natura "fuq żewġ livelli" (*two-tiered*) li tinkorpora fiha saff fundamentali ta' entitajiet bażiċi jew naturali (bnedmin, żwiemel, ġebel) , u saff derivattiv ieħor b'aggregazzjonijiet artifiċjali, relazzjonali jew teknoloġiċi (team tal-futbol, kaless li jinvolvi ż-żwiemel, dar magħmula minn ġebel). Tal-ewwel ikunu meqjusa bħala naturali, ġenwini u fundamentali; tat-tieni artifiċjali, mhux fundamentalment meħtieġa u żejda. Fil-fehma tiegħi, anke din il-firda hi problematika għax tmur 'l hinn mid-"demokrazija ontoloġika" imsemmija aktar 'il fuq. Dan għax tassumi li dawk l-entitajiet li huma waħdanin jew li huma naturali huma f'ċertu sens aktar reali minn dawk li huma relazzjonali jew artifiċjali.

B'kuntrast ma' dan it-tip ta' ħsieb, Harman jipproponi dak li jsejjaħ "tkattir ontoloġiku". Din il-pożizzjoni żżomm li kull entità hi simultanjament ħaġa waħda u unita, imma wkoll xi ħaġa sħiħa magħmula minn elementi separati. Biex nagħti eżempju wieħed, il-*komputer* ta'

quddiemi hu waħdani fis-sens li jeżisti anke jekk noftmu mir-relazzjoni li għandu bħal issa miegħi jew ma' entitajiet oħra li magħhom jirrelata. (Wara kollox dejjem nista' npoġġih f'kuntest kompletament differenti mingħajr mal-komputer isir xi ħaġa differenti għalkollox minn dak li hu bħalissa.)[4] Il-kompjuter madankollu, hu minnu nnifsu magħmul minn għadd ta' partijiet li jiffurmaw f'relazzjoni bejniethom; l-elementi interni li jibnuh. Dan, jgħodd għal kwalunkwe entità. Entitajiet jidħlu f'relazzjonijiet ġodda, biex jifformaw entitajiet ġodda li paradossalment ikunu kemm komposti u fl-istess ħin waħdana huma wkoll. Ħu l-bniedem. Kull wieħed minna hu ħlejqa waħda. Fl-istess ħin imma, hu rabta ta' entitajiet bħal ċelloli, organi u affarijet oħra li marbuta flimkien jagħmlu bniedem. Il-bniedem min-naħa tiegħu, jista' jibni entitajiet oħra bħal soċjetajiet, istituzzjonijiet u l-bqija.

Spiss tali entitajiet ikunu magħmula minn elementi naturali, kulturali, u teknoloġiċi marbuta u mwaħħda flimkien. Anke jekk inqisu l-istess natura; l-istess stampa idillika tal-kampanja 'verġni' li spiss attivisti favur l-ambjent juru; din aktarx tinvolvi affarijiet bħal siġar, pjanti (meqjusa naturali) imma wkoll ħitan tas-sejjieħ u mtieħen tal-ilma li huma frott it-teknoloġija, li flimkien isenslu dak li nifhmu b'natura. Dan "it-tkattir ontoloġiku" jixhed allura li ma teżistix differenza ta' "żewġ dinjiet" (*two-world*) jew relazzjoni bażika bejn l-uman u d-dinja, jew bejn is-soċjali u n-naturali. Pjuttost, l-ambjent fih diversi livelli, hu kompost minn varjetà bla qies ta' strati abbundanti u kumplessi li jitnisslu mill-partijiet komposti, u fl-istess ħin dawn jifformaw entitajiet emerġenti ġodda permezz ta' alleanzi bejn oġġetti.

It-tielet konsiderazzjoni kontra l-onto-tassonomija hi l-idea li d-dinja tinvolvi "taħbila mhux reċiproka" (*non-reciprocal entanglement*) bejn oġġetti. Din l-idea tgħid li entitajiet li jippopolaw ambjent partikolari spiss jitgħaqqdu f'xulxin, u jifformaw 'alleanzi' maħlula imma fl-istess ħin magħquda; wiesgħa imma fl-istess ħin dejqa. Bħala bnedmin aħna marbuta intimament ma' entitajiet oħra li magħhom nirrelataw; parti minn xirka infinita ta' entitajiet li spiss jiġu mitfugħa b'mod laxk u żbaljat taħt it-tikketta tad-"dinja". Tali entitajiet jistgħu jew itejbulna ħajjitna b'diversi modi jew jistgħu imma, jagħmlulna wkoll ħsara b'mod irrevokabbli.

Minkejja li l-entitajiet kollha fid-"dinja" huma mgħaqqdin u mxebbilkin flimkien, dan ma jfissirx li huma neċessarjament għandhom ikunu relatati f'sens ħolistiku, u li konsegwentement jistgħu jkunu riduċibbli għas-somma totali tar-relazzjonijiet li jkollhom jew l-azzjonijiet li jagħmlu. L-elementi f'sistema partikolari dejjem huma mħabbla b'mod *asimmetriku* ma' xulxin. Huwa minnu li jista' jkollok każi fejn xi elementi jifformaw simbijożi li tkun imħabbla profondament, imma din ma tiġrix dejjem. Pereżempju, filwaqt li parassita jiddependi kompletament fuq l-ospiti (*host*) tiegħu biex jissoppravvivi, mhuwiex possibbli li l-irwoli jinqalbu u l-ospiti jsir il-parassit, u l-parassit isir l-ospiti.

F'dan il-kuntest, il-mistoqsija tqum, jekk aħna tant imrembla mal-oġġetti l-oħra kollha li hawn, l-etika, għandhiex tinvolvi biss l-isfera tar-relazzjonijiet umani kif jassumu xi wħud jew għandhiex tmur 'l hinn minn din? Jista' jagħti l-każ li r-relazzjoni tiegħi ma' sempliċiment blata f'nofs mogħdija tista' tkun etika wkoll, bħalma hi r-relazzjoni tiegħi ma' sħabi l-bnedmin? Ir-risposta li nistgħu naslu għaliha fid-dawl ta' dak li għidna aktar 'il fuq hi iva. Bnedmin oħra jpoġġu limitazzjonijiet f'imġibitna u jġiegħluna naġixxu b'mod u mhux b'ieħor. Bniedem li miegħu rrid naqsam ħajti fuq ix-xogħol, id-dar jew f'lant ieħor bla ma rrid jillimtali l-mod li bih naġixxi u jġegħilni nistaqsi jekk hux naġixxi sew jew le. Blata wkoll tista' tpoġġi limiti f'imġibti u ġġegħelni naġixxi b'modi diversi, billi tikkostrinġini niċċaqlaq madwarha u fuqha b'mod u mhux b'mod ieħor. L-entitajiet kollha (inkluż il-bniedem) jippreżentaw lil xulxin dak li l-filosfu Alphonso Lingis isejjaħ "imperattivi", jiġifieri jġegħluna nieħdu lil xulxin serjament, u "ninnegozjaw" u "nittraduċu" wieħed lill-ieħor b'modi ġodda u spiss imprevidibbli.

## Għeluq

Biex nikkonkludi, it-tħammim tagħna fuq l-ambjent jitlob li aħna ma nibqgħux naħsbu f'termini ta' "Natura" jew ta' "Dinja" bħala dik li aħna opposti għalih, jew bħala dik ix-xibka ħolistika li magħha aħna mxebilkin intrinsikament. Minflok, għandna nibdew naraw l-eżistenza bħala proċess magħmul mit-tiswir kostanti ta' dik it-tip ta' entita' li aħna aħna, u mit-twelid u l-qerda ta' entitajiet singulari li posthom hu

insostitwibbli, b'kull waħda minn dawn tħalli l-impatt uniku tagħha fuq il-kosmos. Jeħtieġ li nikkunsidraw mill-ġdid l-istatus ta' kwalunkwe xorta ta' entità b'tali mod li tibda titqies bħala xi ħaġa li ma teżistix esklussivament biex tirreżistina (aħna kontra d-"dinja") jew timmedja r-relazzjonijiet ta' bejnietna (aħna u d-"dinja").

## Noti

1. Nixtieq nirringrazzja lill-ħabib u kollega tiegħi Dr Stephen Bonanno li ddedika l-ħin tiegħu biex jittraduċi l-artiklu mill-Ingliż.
2. Il-kunċett ta' "emerġenza" jsostni li meta hemm numru ta' oġġetti individwali differenti li, meta jkunu marbuta ma' xulxin b'ċertu mod, jistgħu jagħtu lok biex ikun hemm entità oħra differenti minnhom. Allura, meta atomi ta' idroġenu u ossiġnu jkunu marbutin ma xulxin, minnhom 'temerġi' xi ħaġa ġdida li hi l-ilma. Din il-ħaġa li temerġi tkun kemm xi ħaġa 'akbar' mill-affarijiet li jwasslu għalija (l-ilma għandu karatteristiċi li la l-idroġenu u lanqas l-ossiġnu m'għandhom), imma wkoll 'anqas' fis-sens li l-idroġenu u l-ossiġnu għandhom karatteristiċi li l-ilma m'għandux.
3. Mill-verb 'iżżid'.
4. Naturalment hemm limiti għal dan. Imma l-istatus ta' dan il-limitu, fil-kuntest preżenti, mhuwiex importanti li wieħed joqgħod jitħasseb dwaru.